**16 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph C. Saliba et.

**Intimidazzjoni — "Strike" — "Trade Dispute" — "Peaceful Picketing" — "Animus Consulendi" — Karċerazzjoni Provviżorja — Art. 20, 24 u 25 tal-Ordinanza IV tal-1945.**

*Il-kelma "intimidation" hi definita mill-istess liġi li tippermetti li "strikes" fuq kwistjonijiet ta' xogħol u impjegi.*

*Hu ċar illi, biex wieħed jiddeċidi jekk dak li għamel l-imputat jammontax jew le għal intimidazzjoni, għandu jqies l-għemil tiegħu anki fil-kwadru taċ-ċirkustanzi li jkunu qegħdin jiżvolġu ruħhom. Altru li l-kliem tal-imputat ikunu ntqalu*

*iżolatament, u altru li ntqalu fuq l-isfond tal-kwadru li kien qiegħed jiddelinea ruħu dak il-mument, skond il-provi tal-proċess.*

*Għalhekk il-liġi fuq riferita, anki fil-każ ta' "trade dispute", ma tagħtix l-immunità tal-"peaceful picket ng", jekk dan isir f'numru u f'manjiera tali li jintimidixxi. U allura, la jkun hemm atti li jammontaw għal int midazzjoni, ma hemmx għalfejn tiġi affrontata l-kwistjoni jekk li "strike" jkunx sar minħabba "trade dispute" jew le. Jekk l-aġir u l-attejġjament tal-imputat kienu ta:i li ma setgħux ħlief iġibu f'moħħ in-nies minnu ndirizzati dik ir-"reasonable apprehension" ta' ħsara lilhom u lill-proprjetà tagħhom li tintegra r-reat ta' intimidazzjoni, hemm appuntu dan ir-reat, u ma jistgħax jingħad li hu ma għamelx ħlief "peaceful picketing". u lanqas li hu kellu b ss l-intenzjoni ta' persważjoni paċifika; avvolja kien qiegħed jaġixxi ta' ' strike control officer". Għax l-immunitajiet ta' din il-l'ġi, bħal ma hi l-"peaceful picketing", jistgħu jiġu nvokati biss meta si tratta ta' "trade dispute"; imma, hemm jew ma hemmx "trade dispute", jista' dejjem jiġi kommess ir-reat ta' intimidazzjoni.*

*Il-liġi tiddefinixxi l-intimidazzjoni b'mod tant komprensiv li bl-ebda mod ma tammetti d-dist nzjoni jekk il-ħsara, fil-każ li din tkun saret, saretx għad-dannu tal-persuna supposta intimidita jew ta' persuna oħra; lanqas ma jgħodd il-valur tal-ħsara li tkun saret; għax dak li jgħodd huwa r-rifless li l-aġir tal-imputat, li jallega li k en "strike control officer", kien tali li hu ma setgħax jakkampa dik l-immunità.*

*In linea ta' massima, il-Qorti tal-Appell ma t'ndaħalx fid-diskrezzjoni tal-Maġistrat fil-latitudini lilu konċessa mil-liġi dwar il-piena, ammenokkè l-piena irrogata minnu ma tkunx kontra l-liġi, jew ma tkunx tidher "ictu oculi" manifestament eċċessiva jew inikwa; fid-diskrezzjoni tagħha, però, il-Qorti t sta' tordna illi fl-espjazzjoni tal-piena minnha nflitta jiġi komputat il-perijodu ta' karċerazzjoni provviżorja. Imma, jekk dan il-perijodu kien ġa ġie mnaqqas mill-Maġistrat, il-Qorti tal-Appell tista' tnaqqas biss il-perijodu ta' karċerazzjoni provviżorja bejn is-sentenza tal-Maġistrat u*

*s-sentenza tal-Appell; għax inkella, dak il-perijodu ta' qabel is-sentenza tal-Maġistrat jiġi mnaqqas darbtejn, u dan ikun kontra l-liġi.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imsemmija Saliba, Buhagiar u Grech, quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli fil-Gżira jew bnadijiet oħra f'Malta, fit-28 ta' April 1958, (1) publikament xewwxu lil persuni oħra biex jiksru l-liġi; (2) bil-ħsieb li jġiegħlu lil xi ħadd li ma jagħmelx jew li jagħmel xi ħaġa li dan il-bniedem l-ieħor għandu jedd bil-liġi li jagħmel jew li ma jagħmelx, bla ħaqq u mingħajr setgħa tal-liġi, beżżgħu lil dak il-bniedem l-ieħor, u għassu l-imkejjen fejn dak il-bniedem kien jaħdem jew imexxi negozju; u kkommettew danni volontarji tal-valur li ma jeċċedix £3;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-6 ta' Mejju 1958, li biha sabet lit-tliet imputati ħajtin talli, bil-ħsieb li jġiegħlu lil xi ħadd li ma jagħmelx xi ħaġa li dan il-bniedem għandu dritt li jagħmel, bla ħaqq u mingħajr setgħa tal-liġi, beżżgħu lil dak il-bniedem, u għamlulu ħsara fil-proprjetà tiegħu; u wara li rat l-art. 24 tal-Ordinanza IV tal-1945, u wara li ħadet in konsiderazzjoni ż-żmien li l-imputati kienu ilhom taħt arrest, ikkundannat lil kull wieħed mill-imputati Saliba u Buhagiar għall-priġunerija għal żmien ta' xahar u għaxart ijiem, u lill-imputat Grech għall-priġunerija għal żmien xahar u għoxrin ġurnata;

Rat ir-rikors tal-appell ta' kull wieħed mill-imputati, li talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li huma jiġu liberati;

**Trattat l-appell;**

**Ikkunsidrat;**

**Kwantu għall-appellant Saliba**, deher mill-provi . . . . li dan l-imputat fil-ġurnata ndikata fl-imputazzjoni, meta sar strike, kien qiegħed iwaqqaf xi buses u jgħidilhom biex ma jaħdmux, għax jekk jaħdmu "inqala' l-inkwiet . . . . .

**Ikkunsidrat;**

Kwantu għat-tieni imputat, Buhagiar, deher mill-provi li dan instemgħa jgħid, fl-okkażżjoni fuq imsemmija, "imxu nibblukkjaw it-trieq bil-ġebel" . . . . . u fil-fatt ġiet ibblukkata. Flimkien ma' ieħor, waqqaf lid-driver Salvu Fenech u qallu "mur dabbar rasek, għax l-Imsida tiltaqa' ma' xi komplott" . . . . . ;

Ikkunsidrat;

Kwantu għat-tielet imputat Grech, ix-xhud Mary Borg ratu, fl-okkażżjoni fuq imsemmija, jitfa' xi ħaġa li ġiet fuq ħġieġa tax-char-a-banc, li nkisret . . . . .;

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-imputat Saliba;

Ġie sottomess mid-difiża li l-attijiet tiegħu ma jikkostitwux "intimidation". Il-kelma "intimidation" hi definita fl-art. 20 tal-liġi in materja (Ord. IV tal-1945). Hu ċar li, biex wieħed jiddeċidi jekk dak li għamel dan l-imputat kienx jammonta jew le għal "intimidation", għandu jqies l-għemil tiegħu anki fil-kwadru taċ-ċirkustanzi li kienu qegħdin jiżvolġu ruħhom. L-imputat Saliba kien jaf li l-kliem tiegħu lid-drivers kien sejjer ikollhom mhux biss l-effetti intrinseċi tagħhom stess, imma anki l-effetti l-oħra li ta' bilfors jiżdiedu magħhom in konsegwenza taċ-ċirkustanzi l-oħra kollha konkomitanti. Altru li l-kliem jintqalu iżolatament u altru li jintqalu fuq l-isfond tal-kwadru li kien qiegħed jiddelinea ruħu dak il-mument, skond il-provi tal-proċess. Għalhekk, il-liġi fuq imsemmija, anki fil-każ ta' "trade dispute" — u għalhekk ma hemmx għalfejn li din il-kwistjoni tiġi affrontata — ma tagħtix l-immunità tal-"peaceful picketing", jekk dan isir f'numru u f'manjiera tali li jintimidixxi (ara art. 25(2) ibidem). Il-fatt li dan l-imputat qabad u ta daqqa ta' ponn fuq ħġieġa ta' char-a-banc u kissirha juri wkoll li l-atteġġjament tiegħu ma setgħax kien ta' "peaceful picketing", anki kieku, għall-grazzja tal-argument, si trattava ta' "trade dispute", u kieku għalhekk kienet tapplika l-immunità tal-ewwel paragrafu ta' dak l-artikolu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-għemil tal-imputat Saliba ma setgħax ħlief iġib f'moħħ dawk in-nies

minnu nterpellati, dik ir-"reasonable apprehension" ta' ħsara lilhom u lill-proprjetà tagħhom, li tintegra r-reat. Fil-fatt, tnejn mid-drivers, Grima u Mifsud, jgħidu illi, wara, għaddew mis-Savoy, għax beżgħu. Hu kien ukoll qiegħed jaġixxi evidentement "in furtherance of a common design", li kien jidher ċar mill-attijiet ta' dawk li kellu miegħu u mill-kumpless ta' dak kollu li kien qiegħed jiġri dak il-ħin;

Id-difiża ssottomettiet, għal dan l-imputat Saliba, li hu ma setgħax kellu ħlief l-intenzjoni ta' persważżjoni paċifika. Hu ħareġ dak inhar bħala "Strike Control Official" tal-ħames distrett. Id-difiża ċċitat dik il-parti tax-xhieda ta' Ġorġ Borg fejn dan qal li x'ħin xi nies bdew iħabbtu fuq il-"body" tax-char-a-banc tiegħu, Saliba qalilhom "tħabbtux"; ġew ċitati anki xi xhieda in difiża li quddiemhom l-imputat Saliba qal biex jinżamm l-ordni. Dawn ix-xhiediet, però, ma jneħħux il-fatti l-oħra li ġew pruvati, kif fuq ingħad, kontra dan l-imputat. Barra minn hekk, inutili wieħed jgħid li jrid iżomm l-ordni, jekk mbgħad l-għemil tiegħu mhux konformi għall-kliemu. Inoltre, f'diversi punti tax-xhieda tiegħu l-imputat ġie kontraddett mix-xhieda tad-difiża stess. Jista' jkun, mbgħad, li għall-ewwel l-imputat Saliba ma kellux l-intenzjoni li jmur aktar l-hemm mill-persważżjoni paċifika; imma evidentement, in segwitu, hu ġie travolt bl-ambjent, u ried li x-char-a-bancs jieqfu a kwalunkwe kost. Tant hu hekk li, fl-istess waqt li qal lil dawk li kienu qegħedin iħabbtu fuq il-"body" tax-char-a-banc ta' Ġorġ Borg biex ma jħabbtux, spiċċa biex huwa stess ta' daqqa ta ponn fuq il-ħġieġa ta' dak ix-char-a-banc u kissirha;

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-imputat Buhagiar, il-fatti ma ġewx bl-ebda mod kontrastati. U lanqas ma jista' jkun hemm xi dubju li huma jikkostitwixxu l-intimidazzjoni kif definita mil-liġi. Id-difensur donnu ried isostni li din ma kienetx "trade dispute", u kwindi l-liġi ma tapplikax. Din, però, mhijiex il-veduta korretta, li hi, inveċe, din — "l-immunitajiet tal-liġi (bħal "peaceful picketing") jistgħu jiġu nvokati biss jekk hemm "trade dispute", imma, hemm jew ma

hemmx "trade dispute", jistgħu jiġu kommessi dejjem irreati tal-art. 24 ibidem". Il-liġi ta' Malta in materja ġejja mil-Liġi Ingliża. Jgħidu, a propożitu, l-awturi Vester u Gardner "Trade Unions and the Law", 1955 edit., paġ. 63:— "It is worth nothing that picketing is only authorised in a trade dispute, when either side may do it. But all the offences set put in sec. 7 of the Act of 1875 can be committed by any person and for any reason, whether in the course of a trade dispute or not";

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-imputat Grech, il-fatti, kif fuq riżultati a kariku ta' dan l-imputat ma ġewx serjament kontrastati bl-ebda mod. Id-difensur donnu waqaf fuq l-uniku att ta' tfigħ ta' xi ħaġa li kissret il-ħġieġa tax-char-a-banc u korriet passiġġier; u osserva li ma jirriżultax li dak ix-char-a-banc kien jappartjeni lid-driver suppost intimidit, u li ntant il-liġi, fl-art. 24(1)(a), trid li l-ħsara tkun fil-proprjetà tal-intimidit. Din is-sottomissjoni hi dovuta, però, għal malintiż tad-difiża dwar il-liġi. Fl-inċiż (a) il-liġi tikkontempla diversi ipotesijiet separati, ċjoè użu ta' vjolenza, intimidazzjoni, u ħsara tal-proprjetà tal-intimidit; iżda fid-definizzjoni tal-ipotesi separata u distinta ta' intimidazzjoni (art. 20) ir-"reasonable apprehension" tista' tkun ta' ħsara lilu stess jew lill-membri tal-familja tiegħu jew liddipendenti tiegħu, jew ta' vjolazzjoni jew ħsara lil xi bniedem jew xi proprjetà. Kif inhi din id-definizzjoni, hi talment komprensiva li ma tammetti bl-ebda mod id-distinzjoni li ried jinduċi fil-liġi d-difensur ta' dan l-imputat. Lanqas hi ta' siwi ċ-ċirkustanza li ma hemmx stima talħsara tal-ħġieġa; għax mhux il-valur li jgħodd f'dan ilkaż, imma jgħodd ir-rifless li min jitfa oġġett iebes ġewwa ħġieġa ta' char-a-banc f'dawk iċ-ċirkustanzi, ma jistgħax żgur jakkampa l-Immunità ta' "peaceful picketing". Apparti minn dan, kontra dan l-imputat hemm iċ-ċirkustanzi kollha l-oħra fuq elenkati;

Għalhekk kienet korretta l-Ewwel Qorti fil-konklużjoni li ġiet għaliha għar-rigward tat-tliet imputati;

Kwantu għall-piena;

Din il-Qorti minn dejjem enunċjat il-prinċipju li, in linea di massima, u ammenokkè l-piena irrogata mill-Ewwel Qorti ma tkunx kontra l-liġi, jew diversament ma tkunx tidher, kważi "ictu oculi", manifestament eċċessiva jew inikwa, li ċertament ma hux il-każ f'dan l-appell, din il-Qorti ma tindaħalx fid-diskrezzjoni tal-Maġistrat fil-latitudini lilu permessa mil-liġi;

Id-difiża talbet ukoll mitigazzjoni tal-piena bis-saħħa tas-sentenza App. Krim. "Pul. vs. Refalo" li hemm fil-Vol. XXV-IV-886. F'dik is-sentenza ittieħed qies ta' "la naturale alterazione di animi in tempo di fermento elettorale". Il-każ hu ferm divers. Ir-rikorrenza tal-elezzjonijiet hi ħaġa normali u skond il-liġi. u l-eċċitament waqt il-kampanja elettorali hu wkoll ħaġa naturali indipendenti minn kull aġir kriminuż. Imma l-ferment li issa l-imputati qegħedin jinvokaw bħala attenwanti hu dak suxxitat minn eventi li jiksru l-liġi. u li għalihom, skond din is-sentenza, huma stess ikkontribwew. Vwoldiri jiġi li in sostanza l-appellanti qegħdin jinvokaw bħala attenwanti l-istess stat kriminuż li għalieh huma kkontribwew;

Għalhekk, din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tirrespinġi t-tliet appelli u tikkonferma s-sentenza appellata, tant fil-meritu u fil-piena, għar-rigward tat-tliet imputati. Tordna li fl-espjazzjoni tal-piena ta' kull wieħed minnhom jiġi komputat iż-żmien tal-karċerazzjoni provviżorja, iżda mis-sentenza appellata l-hawn biss; għax iż-żmien tal-karċerazzjoni ta' qabel dik is-sentenza ġie diġà meqjus mill-Maġistrat, kif hemm espressament dikjarat fis-sentenza appellata, u jkun kontra l-liġi jekk jiġi meqjus darbtejn.